**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Jocelyn Tabone**

**Kumpilazzjoni Numru: 561/2017**

**Illum, hamsa (5) ta' Frar, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jocelyn Tabone detentrici tal-karta tal-identita' numru 129087(M):

Billi giet akkuzata talli fil-21.10.2017 ghall-habta ta' 08:45am fi Triq Zimelli Hamrun:

1. Insulentat, ingurjat u heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil Hany Fathy Gayed Eskander u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan bi ksur l-Art. 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbet ghall-persuna ta' Hany Fathy Gayed Eskander u minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Hany Fathy Gayed Eskander u kkagunatlu feriti gravi skond kif iccertifika Dr. Mvhaiyo Bartolo MD 3243 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur l-Art. 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ipparkjat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOC803 ta' l-ghamla Peugeot f'dik il-qaghda jew f'dik ic-cirkostanza li x'aktarx kienet ta' periklu jew xkiel lil nies ohra li juzaw it-triq u dan bi ksur Sec 74 ta' L.S. 65.11;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli tapplika Art. 383 tal-Kap. 9 ghall-harsien ta' Hany Fathy Gayed Eskander.

Rat l-ezami tal-imputata fejn hija wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn elenka l-Artikolu tal-Ligi li bihom qed jitlob li ghandha tinstab htija kontra l-imputata u cioe':-

- Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 222(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 74 tal-Ligi Sussidjarja 65.11 Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur;

- Fl-artikoli 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi wara li nqraw dawn l-Artikoli l-imputata ddikjarat illi ma kellhiex oggezzjoni sabiex din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bi procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputata li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputata;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' fit-Triq Zimelli, Hamrun bejn l-imputata u l-parte civile fuq xi parkegg ta' xi vettura u tali argument wassal ghal akkuzi odjerni.

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Robert Vella** fejn jghid illi wara l-incident marru l-pulizija fuq il-post izda x'hin waslu l-incident kien ghadu kif spicca. Jghid illi l-parte civile Eskander kien fil-fatt cempel lill-pulizija sabiex titnehha karrozza JOC 803 li kienet qed timblokka l-access tieghu. Il-parte civile stqarr mal-pulizija illi wara li kien cempel lill-pulizija kienu marru grupp ta' nies u li

attakkawh bil-konsegwenza li sofra xi griehi. Dawn irrizultaw li kienu Jocelyn Tabone u George Baldacchino fejn dawn kienu qalu li kien Eskander li beda l-argument l-ewwel u kien wara li hu mbutta lill-imputata li kien inqala' l-incident. L-Ispettur Vella jghid illi a bazi ta' hekk kienu hargu akkuzi fid-Distrett tal-Hamrun kontra Eskander u kontra Jocelyn Tabone quddiem din il-Qorti.

Semghet lir-rapprezentant tat-Transport Malta **Stephen Cachia** fejn ikkonferma illi l-vettura JOC 803 hija registrata f'isem Jocelyn Tabone.

Semghet lil **PC 1236 Joseph Gatt** fejn ircieva telefonata fuq il-kaz u meta mar fuq il-post jghid illi l-affarijiet kienu kkalmaw u ghalhekk ha l-verzjonijiet tal-partijiet. Xehed illi kien ha l-verzjoni tal-parte civile fuq il-post fejn dan kien qallu li kien ser jghaddilu filmat tal-akkadut, izda tal-partijiet l-ohra kien hadhom l-ghassa tal-Hamrun. Ix-xhud jghid illi a rigward il-filmat li kien ghaddielu Eskander dan kien ghaddieh lit-Taqsima tal-Forensika fejn dawn kellhom ihejju l-istills minnu. Huwa qal ukoll illi mill-verzjoni li ha hareg illi l-argument inqala' ghaliex kienet giet ipparkjata vettura b'tali mod illi l-parte civile ma setax johrog il-vettura tieghu u dan minhabba l-fatt illi t-triq hija pjuttost dejqa.

Xehed il-parte civile **<u>Eskander Hani Fathy</u>** fejn dan xehed illi huwa ghandu garaxx fi Triq Zimelli, Hamrun li juzah bhala *store* ghall-kumpanija tieghu Hani Serv Limited. Jghid illi faccata ta' dan il-garaxx hemm il-*yellow lines* u fejn hemm kumpanija tas-CCTV li jahdmu fuq kameras. Huwa jghid illi ghamel diversi rapporti dwar ipparkjar hazin. Issa a rigward dan l-incident huwa jghid li garrab xi griehi f'wiccu fuq in-naha tal-lemin. Huwa jghid illi wara li cempel lill-pulizija ra lis-Sinjura Tabone gejja ghal fuqu. Huwa jghid illi l-incident kollu gie maqbud minn kamera li hija sitwata fuq il-garaxx tieghu.

Il-parte civile xehed illi huwa kellu bzonn imur gol-garaxx sabiex ihott xi merkanzija u kien is-Sibt bejn is-sebgha u nofs u t-tmienja neqsin kwart u sab il-karrozza tal-imputata timblukkalu dan l-access. Minn hemmhekk huwa cempel lill-pulizija peress li din ma kinitx l-ewwel darba li grat. L-ewwel ma gie kien l-gharus tal-imputata u beda jhabbat mal-bieb il-garaxx u beda jidghi u bdew jargumentaw verbalment. Wara giet l-imputata minn wara u girfitu u mbuttaha sabiex ma tmissux. Dan jghid illi cempel il-pulizija u mar jistennihom u regghet giet l-imputata u bdiet tghajjru verbalment kliem bhal *"Issa Naghmik"* u mbuttat subghajha go ghajnejh. Huwa jghid illi prezenti kien hemm il-kunjatu taghha.

Huwa jghid illi b'konsegwenza ta' dan l-incident huwa sofra griehi f'wiccu (Dok. RV 2).

Xehed ukoll Dr. Mario Scerri fejn kien ezamina lill-imputat u jghid illi l-imputat kellu zewg (2) lezjonijiet f'wiccu li kienu ghadhom vizibbli minn distanza u hemm il-probabbilita' li jibqghu jidhru ghalkemm forsi jiccaraw. (Dok. MC1).

Dr. Anne Marie Scerri li kienet ezaminat lill-parte civile ezatt wara li sar l-incident ikkonfermat id-Dokument RV1 u fejn ikkonfermat illi l-parte civile kellu zewg cikatrici orizzontali u paralleli fuq il-wicc fuq in-naha tax-xellug.

Illi Anthony Tabone li jigi missier l-imputata ghazel li ma jixhidx minhabba parentela. George Baldacchino li jigi l-*partner* tal-imputata fejn qal illi kellu l-karrozza pparkjata faccata tal-garaxx tal-parte civile u meta semghu jcempel lill-pulizija nizel ghas-sodisfazzjon u jghid illi l-parte civile xejjirlu daqqa ta' ponn go wiccu u qattalu l-flokk imbaghad giet l-imputata fejn jghid illi dan qabadha minn sidirha u mbuttaha u beda jheddidha.

Semghet ix-xhieda tal-imputata Jocelyn Tabone;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi fil-konfront tal-imputata gew emendati fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019). Illi ghalhekk l-akkuzi wiehed (1), tnejn (2), u erbgha (4) huma ghal kollox preskritti ghaliex kienu ghaddew sena u tliet xhur mill-kommissjoni tal-allegat reat.

Illi a rigward it-tielet (3) akkuza d-difiza tikkontesta l-fatt illi l-griehi li rriskontra Dr. Mario Scerri meta ezamina lill-parte civile xhur wara huma l-istess li allegatament kellu l-parte civile meta sar l-incident u gie invistat minn tabib *a tempo vergine.*

Illi din il-Qorti wara li ezaminat l-atti fosthom b'mod partikolari l-filmat esebit jidher b'mod car illi l-imputata qieghda ripetutament taggredixxi b'mod vjolenti wicc il-parte civile. Illi fic-certifikat mahrug minn Dr A M Scerri dakinhar tal-incident jirrizultaw is-segwenti griehi:

*"1. 2 thick horizontal abrasions right side of face, parallel to each other;*

*2. 1 thin abrasion on left side of face extending to left ear pinna,*

*3. referred to A&E as left eye red and patient claims to be seeing object converge into each other".*

Illi mbaghad, mir-rapport ta' Dr Mario Scerri li kien gie nominat bhala espert sabiex jikkonstata n-natura tal-griehi tal-parte civile, jirrizulta illi l-parte civile Hany Fathi Gayed Eskander kien gie ezaminat minn Dr. Scerri fl-ghaxra (10) ta' April elfejn u tmintax (2018) fejn huwa rriskontra s-segwenti:

*"Illi fuq in-naha tal-lemin tal-wicc kien hemm zewg cikkatrici li kienu bi dritt xulxin. Dik aktar superjuri kienet twila 2.8 centimetri u wiesgha 0.2 centimetri* ***(Ara ritratt numru 3)****;*

*Illi 0.6 centimetri inferjuri mit-tarf inferjuri ta' din ic-cikkatrici kien hemm cikkatrici ohra li kienet twila 3.8 centimetri u wiesgha 0.3 centimetri* ***(Ara ritratt numru 3)****; . . .*

*Wara li l-esponenti acceda l-ispizerija D'Argens fejn hemm huwa ezamina lil* ***Hany Fathi Gayed Eskander*** *jikkonkludi:*

1. *Illi* ***Hany Fathi Gayed Eskander*** *allega illi nhar il-21 t'Ottubru 2017 kien involut f'incident fejn spicca b'lezjonijiet fuq in-naha tal-lemin tal-wicc;*
2. *Illi dawn il-lezjonijiet jikkonsistu f'zewg cikkatrici bi dritt xulxin u li jistghu ikunu kompatibbli ma' grif;*
3. *Illi dawn il-lezjonijiet s'issa ghadhom marka fuq il-wicc vizibbli from within talking distance".*

Illi ghaldaqstant m'hemmx l-ebda dubju li dawk il-lezjonijiet u cioe' z-zewg cikkatrici paralleli li rriskontrat it-tabiba li ezaminat fl-ewwel lok lill-parte civile huma l-istess zewg cikkatrici paralleli li rriskontra Dr. Mario Scerri meta ezamina lill-istess u din il-Qorti ma tarax kif jista' jkun mod iehor. Dan ukoll in vista tal-fatt illi l-aggressjoni fil-konfront tal-parte civile mill-imputata sehhet b'mod partikolari u kwazi esklussivament fuq wicc l-istess parte civile.

B'dan pero' jinghad illi ghalkemm il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tielet (3) akkuza, fl-Artikoli tal-Avukat Generali datati

tnax (12) ta' April elfejn u dsatax (2019) l-Artikolu mnizzel a rigward it-tielet (3) akkuza huwa l-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li m'ghandux x'jaqsam ma' griehi gravi. Dan l-Artikolu jirreferi ghal cirkostanzi aggravanti ghall-griehi subiti u bl-ebda mod ma jistghu jigu nterpretati ghal din l-akkuzi. Ghal din ir-raguni din il-Qorti ma tistax issib htija fuq din l-akkuza u dan ghaliex hija marbuta strettament ma' dak mitlub mill-Avukat Generali fin-nota tieghu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata **Jocelyn Tabone** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha stante li t-tielet (3) akkuza ma gietx ippruvata u l-akkuzi l-ohra kollha huma preskritti u kwindi tilliberaha minnhom.

_____________________________________
**Ft/Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**